MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 685/2008

**Melita plc (C 12715)**

**vs**

**Cain Agius (ID 137877 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' erba' mija u tlett ewro u erbatax-il centezmi (€403.14) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici ghal servizz ta' '*cable television*' fil-fond 96, Wilson's Green Grocer, Triq Santa Lucia, Valletta provdut fil-perjodu bejn it-12 ta' Settembru, 2003 u s-6 ta' Settembru, 2004, liema servizz kien installat skond il - *'work order'* annessa mat-talba.

Illi l-konvenut gie intimat diversi drabi sabiex jaghmel pagament tas-servizzi provuti mis-socjeta' attrici fosthom

permezz ta' ittra ufficjali datat 20 ta' Gunju, 2008 ai finijiet ta` l-artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Il-konvenut in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fl-20 ta' Ottubru, mill-Avukat Dr Cedric Mifsud u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------